TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 37/13-F

**Michael Galea u Mario Grima**

**vs**

**Oliver Camilleri**

Illum 5 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' mitejn, u sitta u sebgħin ewro (€276), u kif ukoll spejjeż u danni morali ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti *emergency lights* u l-*connection* tal-*wiring* illi kienu difettużi.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw disa' *emergency lights* għall-ammont ta' mitejn, u sitta u sebgħin ewro (€276), biex meta jmur id-dawl jixgħelu awtomatikament, u wara ftit ma bdewx jiffunzjonaw tajjeb. Illi l-intimat qalagħhom u kellu jibdilhom m'oħrajn ġodda iżda dan baqa' qatt ma sar.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota wkoll fejn fuq talba tar-rikorrenti, n-notifika tal-Avviż saret permezz tal-Affissjoni u ppublikata fuq Gazzetta Lokali u fuq Gazzetta tal-Gvern.

Għaldaqstant it-Tribunal jinnota n-nuqqas t'attendenza tal-intimat, kif ukoll il-kredibilta' tar-rikorrenti u qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn, u sitta u sebgħin ewro (€276), u danni morali ta' ħamsin ewro (€50), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**